# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 244 – It-Tnejn 2 t'April, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m.

Ippresieda l-Kunsillier Nicholas Cassar bħala l-aktar wieħed anzjan fost il-Kunsilliera.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Is-sur Mario Cachia
Is-sinj. Mariette Borg

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Nicholas Cassar stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. ĦATRA TA' SINDKU

Billi fl-aħħar elezzjoni lokali, l-Avukat Dr Karol Aquilina kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista, li f'dik l-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsilliera fil-lokalità tas-Siġġiewi, is-Segretarju Eżekuttiv talbu jiddikjara jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

L-Avukat Karol Aquilina iddikjara fl-affermattiv.
Iċ-Chairman stieden lis-Sindku Karol Aquilina jieħu s-sedja.

## 2. ĦATRA TA' VIĊI-SINDKU

Billi l-Kunsillier s-sur Ryan Callus kiseb it-tieni l-akbar għadd ta' voti fl-elezzjoni lokali fil-partit li ġab il-maġġoranza tal-Kunsilliera, is-Sindku talbu jiddikjara jekk kienx qed jaċċetta li jieħu l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Il-Kunsillier Ryan Callus iddikjara fl-affermattiv.

Is-Sindku u l-Viċi-Sindku ħadu l-ġurament tal-kariga rispettiva tagħhom quddiem Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, l-Avukat Dr Ian Micallef.

## 3. DIKASTERI

Is-Sindku ippreżenta lista li tindika t-tqassim tad-dikasteri (anness)
Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, is-Sindku ippropona li dan id-dokument jiġi approvat.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. INDIRIZZ MIS-SINDKU

Is-Sindku qal li biex il-Kunsill ikun jista' jtejjeb l-operat tiegħu għandu jimxi fuq dawn il-punti:

4.1. **Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera**

- Kull Kunsillier qiegħed jiġi assenjat responsabbiltajiet dwar oqsma li huwa għandu jsegwi b'mod dirett u jirraporta dwarhom b'mod regolari matul il-laqgħat tal-Kunsill.
- Il-Kunsilliera m'għandhomx jagħtu ordnijiet lill-kuntratturi u ħaddiema tal-Kunsill iżda għandhom dejjem jirreferu lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li għandhom ir-responsabbilità legali ta' dak kollu li jwettaq il-Kunsill.
- Il-Kunsilliera huma mħeġġa jaqraw u jifhmu sew l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti Finanzjarji.

**4.2. Twaqqif ta' Kumitati**

- Kull Kunsillier għandu jara li jitwaqqfu kumitati sabiex jieħdu ħsieb id-diversi responsabbiltajiet li huwa għandu.
- Il-kumitati għandhom jinvolvu persuni mis-Siġġiewi li għandhom esperjenza fil-qasam li dwaru huwa responsabbli l-Kumitat.

**4.3. Tfassil ta' Pjan ta' Ħidma**

- Kull Kunsillier għandu jipprepara punti dwar x'jaħseb li għandu jwettaq il-Kunsill matul it-tlett snin ġejjin.

- Flimkien mal-punti għandu ukoll jitħejja *budget* li jindika bejn wieħed u ieħor kemm jeħtieġ li jiġu vvutati flus sabiex jitwettqu l-punti mħejjija minnu.
- Għandu wkoll jiġi indikat f'liema perjodu għandu jitwettqu l-punti u jekk hemmx xi ħtieġa speċjali fit-twettiq (Eż. permess tal-MEPA)

**GĦELUQ TAS-SEDUTA**

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-6.45pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tlieta 10 t'April fis-6.00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta, 10 t'April, 2012**

# Tqassim ta' responsabbiltajiet

**Karol Aquilina – Sindku**
- Ippjanar strateġiku tal-Kunsill
- Infrastruttura (urbana u rurali) u immaniġġjar tat-traffiku
- Proġetti kapitali (inkluż żvilupp taċ-Ċentru Ċiviku)
- Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika
- Finanzi u programmi tal-Unjoni Ewropea
- Koordinazzjoni tal-għaqdiet
- Ħarsien tal-ambjent u l-wirt storiku
- Ħarsien tal-komunità

**Ryan Callus – Viċi Sindku**
- Edukazzjoni
- Żgħażagħ
- Sport
- Ġemelaġġ

**Nicholas Cassar – Kunsillier**
- Ħarsien u żvilupp ta' Għar Lapsi
- Ħarsien u żvilupp ta' postijiet ta' rikreazzjoni
- Ġonna pubbliċi u *landscaping*
- Żamma tal-widien

**Jesmond Tanti – Kunsillier**
- Mixegħla tas-Salib tal-Għolja
- Koordinatur tal-ħaddiema tal-Gvern assenjati lill-Kunsill
- Żamma tas-sinjali tat-traffiku
- Koordinatur servizzi ta' ndafa (żoni rurali u urbani)
- Koordinatur taż-żamma tal-lattrini pubbliċi
- Koordinatur tal-Festa (flimkien mal-Kunsillier Mario Cachia)

**Mark Vassallo – Kunsillier**
- Il-Familja u l-Qasam Socjali
- Anzjani
- Persuni b'diżabilità
- Żvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-komunità

**Mariette Borg – Kunsilliera**
- Kultura u Arti
- Turiżmu

**Mario Cachia – Kunsillier**
- Attivitajiet (inkluża l-Wirja Agrarja)
- Koordinatur tas-servizzi ta' appoġġ lill-bdiewa
- Koordinatur tal-Festa (flimkien mal-Kunsillier Jesmond Tanti)